A.L. 29 ta' l-1984

ATT TA' L-1981 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (ATT NRU. XXIV TA' L-1981)

Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, id-Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1984 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern (Emenda Nru. 2) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 66 ta' l-1981

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) It-tlugħ li jsir fl-aħħar Ġimgħa ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru jkun magħruf bħala l-Lotterija l-Kbira u l-premjijiet għal dak it-tlugħ għandhom ikunu dawk murija fil-paragrafu A ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".